**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 03/08(24_03_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Marzu 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-*Performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Skrivana.
6. Sejħa għall-offerti: kiri ta' makkinarju u kostruzzjoni ta' bankini.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Il-Proġett tal-*Playing Field*.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Insp. Stephen J Gatt fejn informa lill-Kunsill li l-Anti-Drug Squad personnel ser ikun fl-Għassa tal-Pulizija, Victoria fis-26 ta' Marzu 2008 bejn il-11.15 ta' filgħodu u s-1 ta' filgħaxija u jixtieq jiltaqa' mas-Sindku jew rappreżentanti tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa b' mod konfidenzjali l-problema ta' l-abbuż mid-droga.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali rigward in-Notte Gozitana li ser issir bejn l-1 u l-4 ta' Mejju 2008. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-organizzaturi tan-Notte Gozitana ta' din is-sena jixtiequ jiltaqgħu mas-Sindki tal-lokalitajiet Għawdxin sabiex din l-attivita' tiġi mifruxa madwar Għawdex kollu u għaldaqstant ser issir laqgħa fis-26 ta' Marzu 2008, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Dr Gabriella Pace, CEO, Forum Malta fl-Ewropa rigward 'Second Training Session by Maria Rauch on Practicalities of EU Funding' bl-isem ta' 'Making Your Way Through the EU Funding Maze – Proposals, Evaluation and Project Management' li ser isir fil-5 ta' Marzu 2008, fil-Westin Dragonara Resort, San Ġiljan. Hija introduċiet lil Maria Rauch, bagħtet il-Programm u Formola ta' Reġistrazzjoni u ħeġġet lill-Kunsill sabiex jattendi.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward pagamenti ta' LES li saru bi żball għall-perjodu Settembru – Diċembru 2007. Il-Kunsilli Lokali/Kumitati Konġunti ġew mitluba jikkoperaw u għalkemm jonqos xi rifondiment xi jsir il-maġġoranza kbira tat-transazzjonijiet ġew rifonduti. Barra dan instab ukoll li l-pagamenti dwar il-kalkoli tax-xahar ta' Diċembru inħadmu bil-Liri Maltin minflok bil-Euros bil-konsegwenza li l-Kunsilli Lokali/Kumitati Konġunti rċevew anqas flus. Bħalissa qed isiru l-kalkoli mill-ġdid u għaldaqstant talab ftit taż-żmien ieħor sabiex jitlestew it-trasferimenti kollha.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fl-14 ta' Frar 2008, u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Margaret Calleja, Ministry of Tourism sabiex tikkonferma l-*one-to-one meeting* rigward l-EDEN Project li ser isir fis-27 ta' Marzu 2008.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ir-riforma fl-iskart (is-separazzjoni ta' l-iskart bieb-bieb). Huwa informa lill-Kunsill bl-aħħar żviluppi f' dan ir-rigward, x' arranġamenti għandu jagħmel il-Kunsill u l-allokazzjoni finanzjarja addizzjonali li ser tingħata. Huwa ħabbar li ser isiru żewġ laqgħat, waħda fil-Kunsill Lokali tal-Mosta, Malta u l-oħra fil-Ministeru għal Għawdex, Victoria fl-24 ta' Marzu 2008.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00765/08 – *To construct semi detached dwelling with swimming pool* fi Triq il-Kavallieri, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 01175/08 – *To amend façade of multi-purpose hall at first floor and include niche*, fil-Bajja tax-Xlendi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Silvio Frendo, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn għamel referenza għan-nota ta' kjarifika datata 20 ta' Frar 2008 li permezz tagħha ġiet iċċarata d-deċiżjoni li b' seħħ mis-7 ta' Diċembru 2007 anke' l-impjieg tal-ħaddiema kollha mal-Kunsilli Lokali qed isir fuq bażi ta' kuntratt indefinit. Sussegwentament is-Sindku ġie mitlub jinforma lit-tali ħaddiema b' dan it-tibdil fil-kuntratt tagħhom u għalhekk mehmuż ta' din l-ittra kien hemm ukoll abbozz ta' ittra li tista' tintuża għal dan l-iskop.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informa lill-Kunsill li wara diskussjonijiet li saru ma' l-Aġenziji li jipprovdu s-servizz tal-Gwardjani Lokali nħasset il-ħtieġa għal eżenzjoni mis-servizz nhar id-9 u l-10 ta' Marzu 2008, minħabba li f' dawn il-jumejn jista' jkun hemm ċirkustanzi li wieħed ma jistax ikollu kontroll fuqhom minħabba l-Elezzjoni Ġenerali. Il-Kunsill ġie mitlub jikkonsidra din it-talba u s-servizz jitħalla biss fejn ikun hemm ħtieġa assoluta.

2.11 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Stqarrija Stampa, bl-isem ta' 'Is-Segretarji Eżekuttivi u l-Impjegati tal-Kunsilli Lokali fuq kuntratt indefinit', miktuba mis-Sur Adrian Mifsud, President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta) (ASKLM), is-Sur Paul Gatt, Viċi-President u Teżorir, ASKLM u s-Sur Kenneth Brincat, Segretarju, ASKLM.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kopja ta' permess li din l-Assoċjazzjoni rċeviet mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan il-permess maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Artijiet huwa sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem u mal-ġenb ta' 'Il-Katra Bar', Xatt ix-Xlendi, Xlendi.

2.13 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kopja ta' permess li din l-Assoċjazzjoni rċeviet mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan il-permess maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Artijiet huwa sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 'Great White Snack Bar', Xatt ix-Xlendi, Xlendi.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kopja ta' permess li din l-Assoċjazzjoni rċeviet mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan il-permess maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Artijiet huwa sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 'Silver Seas', Triq ir-Rabat, Xlendi.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kopja ta' permess li din l-Assoċjazzjoni rċeviet mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan il-permess maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Artijiet huwa sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 'It-Tmun', Xatt ix-Xlendi, Xlendi.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kopja ta' permess li din l-Assoċjazzjoni rċeviet mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan il-permess maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Artijiet huwa sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 'Stone Crab', Xatt ix-Xlendi, Xlendi.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joe Morana, Area Co-ordinator, Departmental and Finance Training, Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-kors 'Improving Customer Relations' li ser isir fit-18 t' April 2008 fil-Kunsill Lokali tan-Nadur u li għalih ser jattendu s-Segretarju Eżekuttiv u l-Iskrivana. Huwa bagħat ukoll l-*invitation letter* u l-programm.

2.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Charles Vassallo, Segretarju, Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat rigward 'It-Tieni edizzjoni tad-Direttorju ta' l-Artiġjanat u ta' Imprendituri reġistrati mal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat'. Huwa tkellem dwar dan id-direttorju u bagħat kopja tat-tieni ħarġa tiegħu sabiex jitpoġġa f' xi post fejn ikun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA 'Notification of receipt of fresh drawing' għall-Applikazzjoni Nru. PA 06998/04 – *To sanction internal alterations, alteration in façade, sign and chimney* fi Triq Xatt ix-Xlendi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li skond l-Artiklu 32 tad-Development Planning Act jista' jara dawn il-pjanti u jagħmel rappreżentazzjonijiet fi żmien 15 –il ġurnata minn meta rċieva din in-notifika.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00530/07 – *To amend previously approved drawings by shifting apartments one floor up, to construct third floor, to change semi-basement to Class 4 shop, and to sanction variations from previously approved drawings* fi Triq il-Biżantini, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 00886/07 – *To sanction building as build and sanction the change of use of basement levels to flats*, fi Triq il-Puniċi, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 00622/08 – *To demolish building extend site approved in PA5784/03, 3 restaurants and duplexes* fi Triq Marina, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 00674/08 – *To sanction additional height in ground and first floors. To sanction elevation and minor internal alterations and additions* fi Triq San Pawl, Munxar u Applikazzjoni Nru. 00836/08 – *To sanction alterations and additions in existing dwelling approved in PB2469/85 and proposed additions* fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa għas-Segretarji Eżekuttivi dwar il-Polza ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa' li ser issir fit-3 t' April 2008 fis-St. James Cavalier Creativity Centre, Valletta. Jistgħu jattendu membri ta' l-istaff oħrajn flimkien jew minflok is-Segretarju Eżekuttiv u minħabba l-importanza tal-laqgħa huwa mistenni li jkun hemm attendenza tajba.

2.22 Il-Kunsill irċieva Memo 7/2008 mingħand is-Sur Silvio Frendo, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn inġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-Avviż Legali 231 ta' l-2007 li jittratta dwar Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet. Dawn ir-regolamenti jelenkaw ir-responsabilitajiet tas-sidien ta' liftijiet kif ukoll ta' dawk li jipprovdu servizzi ta' manutenzjoni tal-liftijiet. Il-liftijiet għandhom ukoll jiġu rreġistrati ma' l-Awtorita' Maltija dwar l-Istandards. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jieħu konjizzjoni ta' dawn ir-regolamenti u indika s-sit elettroniku minn fejn jista' isir dan.

2.23 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 22/2008 mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġie infurmat li l-laqgħa dwar il-Kuntratt tal-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali li kellha ssir fit-13 ta' Marzu 2008, mhux ser issir. Barra dan huwa ta xi tagħrif dwar il-ġbir ta' l-iskart isseparat bieb-bieb. Huwa ħabbar li filwaqt li l-Kunsill ser jibqa' jiġi infurmat bl-iżviluppi li ser iseħħu, ftit ta' żmien ieħor ser tissejjaħ laqgħa sabiex il-Kunsill jiġi infurmat bl-andament u kif għandu jipproċedi.

2.24 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Stqarrija għall-Istampa Nru. 6/2008, bl-isem ta' 'L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mhiex kontra l-Ħaddiema tal-Kunsilli Lokali imma kontra kull indħil, impożizzjoni u arroganza minn naħa tal-Gvern Ċentrali', miktuba mis-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Kevin Mizzi, Parliamentary Assistant fl-Uffiċċju ta' Dr Simon Busuttil MEP rigward ir-'Recent EU Funding Call for Proposals for Specific Projects for Financing Community Actions in Support of Consumer Policy'. Huwa elenka l-oġġettivi fir-rigward ta' din is-sejħa li ser tagħlaq fl-1 t' April 2008. Huwa bagħat formola ta' applikazzjoni u l-*guidelines* u indika wkoll is-sit elettroniku għal aktar informazzjoni.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Aldo Drago, Direttur, IOI-Malta Operational Centre rigward il-IOI-Kids 2008 Competitions. Huwa ta xi tagħrif rigward il-IOI-Malta Operational Centre, il-ħidma tagħhom u l-kompetizzjonijiet li huma jorganizzaw. Huwa bagħat formola ta' reġistrazzjoni u *guidelines* u talab lill-Kunsill sabiex iwassal din l-informazzjoni għall-attenzjoni tar-residenti tal-lokalita'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Wara li l-Kunsill kien informa lill-persuni li joqgħodu fi Triq Dun Spir Gauci li ser issir *road hump*, irċieva mingħand resident fejn iddikjara li jekk ser tkun tħabbat aħjar ma jsir xejn.

3.02 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' *kiosk* fix-Xlendi sabiex il-Kunsill jagħmel bankina biex jitpoġġew imwejjed. Il-Kunsill ma jistax jagħmel bankina mingħajr il-permessi tal-MEPA u għaldaqstant il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir bankina hemm.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kappillan tal-Munxar fejn qed jitlob is-somma ta' €2800 *(Lm1200)* sabiex isir *fence* u arbli tad-dawl fil-*ground* taċ-Ċentru Parrokkjali. Kien hemm qbil dwar dan.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* rigward żewġt *plots* fi Triq ir-Ranċis, Xlendi minħabba li għadu ma sarilhomx ħajt. Is-Sur Mario Camilleri kellu jkellem lis-sid.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali rigward ilment li rċieva mingħand WOW media. Il-Kunsill kien qed jistenna l-ilment direttament mingħandhom.

3.06 Il-Kunsill ircieva ilment mingħand sid ta' għelieqi fi Triq tax-Xlendi. Huwa qed jilmenta li triq li tagħti għar-raba' tiegħu sfrondat minn żewġt partijiet. Dan l-ilment kien diġa' rreferut lit-Taqsima tax-Xogħlijiet.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 03/08(24_03_08).

**5.00 *Performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Skrivana.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Iskrivana. Is-Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Iskrivana *bonus* ta' 6% skond ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

**6.00 Sejħa għall-offerti: kiri ta' makkinarju u kostruzzjoni ta' bankini.**

6.01 Peress li l-kuntratt ta' kostruzzjoni ta' bankini u kuntratt dwar kiri ta' makkinarju kienu għalqu, ġie deċiż li l-Kunsill jerġa' joħroġ is-sejħa għall-offerti.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien għadu kemm tnaddaf ix-Xlendi mill-ġebel u sar xi *cement*. Kienu tranġaw il-fanali tax-Xlendi u nxtraw xi pjanti u *pots*. Bħalissa l-Beach Cleaners kienu qed jiżbgħu r-*railings* u ħitan.

**8.00 Il-Proġett tal-*Playing Field.***

8.01 Ir-*retaining wall* li kellu jinbena ma' Triq Santa Dminka kien diġa' nbena u għalhekk issa jmiss li jerġa' jinbeda x-xogħol fuq il-*water culvert* li se jgħaddi minn taħt il-*Playing Field*.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa dwar is-sistema l-ġdida ta' separazzjoni ta' skart. Ser issir ġabra fil-ġimgħa għar-residenti u tlett darbiet fil-ġimgħa għall-ħwienet. Kienu qed isiru diskussjonijiet dwar din is-sistema.
Huwa informa lill-Kunsill li l-bozoz ta' Triq Żgħawri u Triq il-Biżantini kienu tlestew.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li peress li dalwaqt tiġi ċċelebrata l-festa tar-raħal, irid jiġi deċiż jekk il-gabbani tal-festa humiex ser jerġgħu jitpoġġew fejn tpoġġew is-sena l-oħra jew x' imkien ieħor. Ġie deċiż li dawk il-*kiosks* li kienu jarmaw fil-bidu ta' Triq Tarsu u Triq Damasku jitpoġġew fil-Pjazza, n-naħa ta' fuq, basta ma jkunux *kiosks* li jsajjru.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Saviour Spiteri rrimarka li issa li dalwaqt tasal il-festa tar-raħal, hemm il-bżonn li jsir xogħol ta' żebgħa tal-bankijiet, *patching* u jsiru s-sinjali fit-toroq. Is-Sindku nfurmah li l-Kunsill kien ser jieħu ħsieb.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-grupp ta' l-armar talab biex isiru toqob fi Triq Kolaċi u quddiem iz-zuntier. Kien hemm qbil dwar dan.

12.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-residenti ta' Triq is-Sienja qed jilmentaw li l-pubbliku qed jipparkja fid-daħla tat-triq u huma ma jkollomx aċċess għad-dar tagħhom. Għalhekk huma qed jitolbu biex issir tabella li *parking* isir biss mir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan.

12.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva xi ilmenti dwar tinda li qed timblokka l-bankina u qed tkun ta' inkonvenjent għall-pubbliku speċjalment meta tkun ix-xita. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb ittra lil-Lands Department, MEPA u l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex dawk is-sidien li jpoġġu mwejjed u tined fuq il-bankini ma jimblokkax l-aċċess tal-pubbliku.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 23 t' April 2008, fil-5.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |